IR-RABAT

***KUNSILL LOKALI IR-RABAT***

* **MINUTI tal-Laqgħa A 36**
**Il-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù Itaqa' nhar**
**It-Tnejn 21 ta' Ottubru 2013 fis-6.30 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat** — Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** — Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sra Cecilia Bonello | Ċerpersin |
| Is-Sur Lino Pace Bonello | Membru |
| Is-Sra Etienne Stephania Gatt | Membru |
| Is-Sur Christopher Farrugia | Membru |
| Is-Sna Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużat:**

| | |
|---|---|
| Il-Profs. Anthony Griscti Soler | Viċi Ċerpersin |

Il-laqgħa bdiet fis-6.40 pm

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti A 35**

1.01 Iċ-Ċerpersin Cecilia Bonello pproponiet li l-minuti tas-seduta numru A 35 tal-Kumitat Amministrattiv ta' tal-Virtù jittieħdu bħala moqrija. Issekonda din il-proposta s-Sur Christopher Farrugia. Il-minuti ġew approvati. — Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti A35

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti A 35** — Punti Mqajma mill-minuti A35

2.01 5.05 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li bgħattna *reminder* lill-Perit tad-Dipartiment tal-Artijiet, iżda għadna ma rċevejna l-ebda risposta. — Ħajt fi Triq Godwin Ganado

2.02 6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li bgħattna *reminder* lil Transport Malta, iżda għadna ma rċevejna l-ebda risposta. — Traffic Calmers

2.03 6.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li bgħattna *reminder* lil Transport Malta, iżda għadna ma rċevejna l-ebda risposta. — Bus Shelters



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

| | | |
|---|---|---|
| 2.04 | 7.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li dan l-ilment ghaddejnieh lill-Korporazzjoni Enemalta. | Arbli tad-dawl imsadda |
| 2.05 | 8.01 Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-membri li kienu għadhom ma bagħtux il-proposti tagħhom sabiex jagħmlu dan mill-aktar fis possibbli. | Proposti għall-budget |
| **3.00** | **Diskussjoni dwar il-finanzi** | |
| 3.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat il-*Mangement Accounts* għall-perjodu Jannar – Ġunju 2013 u talbet lill-*accountant* tal-Kunsill sabiex jagħti spjega tagħhom. Kopja ta' dawn il-*Management Accounts* jinsabu annessi ma' dawn il-minuti. | Diskussjoni dwar il-finanzi |
| **4.00** | **Kommunikazzjoni mill-membri** | |
| 4.01 | Is-Sur Christopher Farrugia ġibed l-attenzjoni tal-laqgħa li l-kuntrattur tal-knis tat-toroq mhux qed jagħmel xogħlu sew. L-iktar toroq li mhux qed jinkinsu sew huma Triq Godwin Ganado, Triq Francesco Azopardi, Triq Pietru Caxaru u Virtù Road. Huwa ppropona li tinħareġ *default notice* lill-kuntrattur. Issekondat din il-proposta s-Sna Cecilia Bonello. Il-Kumitat qabel. | Knis manwali tat-toroq |
| 4.02 | Is-Sur Christopher Farrugia ppropona li niġbru kwotazzjoni sabiex tintrama' siġra tal-Milied jew presepju fis-*soft area* fi Triq Carlo Fiamingo. Ġie deċiż li tintbagħat ittra liż-żewġ għaqdiet tal-Festa ta' San Ġużepp u tal-Festa ta' San Pawl sabiex jagħtuna l-offerta tagħhom. Il-Kumitat qabel li għandha tintgħażel l-orħos kwotazzjoni. | Tiżjin tal-Milied |
| 4.03 | Is-Sna Stephania Gatt ġibdet l-attenzjoni li t-tabelli li għamilna mhux qed ikunu effettivi.<br>Il-Kumitat qabel li nibagħtu l-*Eco Warden* sabiex jissorvelja din iż-żona, speċjalment Triq Francesco Azopardi, Triq Pietru Caxaru, Triq Godwin Ganado, Triq Carlo Fiamingo u Virtù Road. | Ħmieġ tal-klieb |
| **5.00** | **Affarijiet Oħra** | |
| 5.01 | Ma kien hemm l-ebda punt x'jiġi diskuss. | Affarijiet Oħra |

## 6.00 Data tas-seduta li jmiss

6.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 25 ta' Novembru 2013 fis-6.30 pm — Data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-7.30 pm

**Cecilia Bonello**
**Ċerpersin**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**